MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 373/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Tati Dabo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmi Tati Dabo talli:

(1) fid-29 ta' Lulju 2010 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer meta kellu fil-pussess tieghu Dokument ta' l-Ivjaggar u Permess tar-Residenza, mahruga minn awtorita` kompetenti, f'isem Kasim Mohammed, ittrasferixxa dan id-dokument lil persuna ohra jew ircieva dan id-dokument li gie ttrasferit lilu minn persuna ohra (Artikolu 3 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta);

(2) matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn passaport mahrug lil persuna ohra, cioe` dak diga` msemmi (Artikolu 4 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta);

(3) matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ta prospet falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Artikolu 32(1)(c) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Lulju 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq l-ammissjoni ta' l-imsemmi Tati Dabo, sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u, wara li rat l-artikoli 3 u 4 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 32(1)(c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fis-17 ta' Awissu 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn infliggiet il-piena u minflok tinfliggi l-piena idoneja u gusta skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appell ta' l-Avukat Generali huwa dwar il-piena. Huwa jsostni illi l-piena ta' sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ma tirriflettix is-serjeta` tar-reati li l-appellat instab hati dwarhom. Jirreferi ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Gunju 2009 fl-ismijiet **The Police v. David Abekunle and John Austen** fejn giet enfasizzata s-serjeta` ta' reati simili u l-htiega ta' piena karcerarja effettiva.

Issa, in materja ta’ piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun differenti minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. Dan il-principju japplika ugwalment kemm f’appelli li jsiru mill-persuna misjuba hatja, kif ukoll f’appelli intavolati mill-Avukat Generali.

Mix-xiehda ta’ l-Ispettur Mario Haber jirrizulta li dak li ghamel l-appellat kien li, bl-intenzjoni li jhalli Malta, huwa mar ic-*check-in counter* fl-ajruport u pprezenta l-passaport ta’ haddiehor. Dan gie mill-ewwel innutat mic-*check-in personnel* – naturalment ghax ir-ritratt fuq il-passaport ma kienx tieghu izda ta’ l-*original passport holder* – u l-Pulizija giet minnufih infurmata.

L-appellat irregistra ammissjoni fl-ewwel seduta quddiem l-ewwel Qorti u ppersista f’dik l-ammissjoni anke wara li l-ewwel Qorti taghtu zmien jikkunsidra tali ammissjoni. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet illi kienet qed takkorda sentenza sospiza ta’ prigunerija wara li hadet in konsiderazzjoni “l-ammissjoni bikrija fost konsiderazzjonijiet ohra fosthom il-fatt illi l-imputat ghandu jitqies bhala *a first offender* u bhala tali ghandu jibbenefika, bhal kull persuna ohra illi jidher quddiem il-Qrati Maltin, minn piena alternattiva”.

L-appellat, fuq l-ammissjoni tieghu, instab hati tar-reati kontemplati (i) fl-artikolu 3 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi ghal piena ta’ prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn, (ii) fl-artikolu 4 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi ghal piena ta’ prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sitt xhur, u (ii) fl-artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi ghal piena ta’ multa ta’ mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87) jew prigunerija ghal zmien ta’ mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta’ Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta’ Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta’ Malta vs David Vella**, 14 ta’ Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta’ April 2003.

prigunerija flimkien. Barra minn hekk, huwa applikabbli l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ifisser illi l-piena hi decizament entro l-parametri tal-ligi u l-ewwel Qorti setghet ukoll tissospendi l-ezekuzjoni tas-sentenza skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa, filwaqt illi l-linji gwida msemmija fis-sentenza citata mill-Avukat Generali, u cioe` **The Police v. David Abekunle et** moghtija fid-9 ta' Gunju 2009, jibqghu validi, iridu f'kull kaz jigu kkunsidrati c-cirkostanzi partikolari tal-kaz; u c-cirkostanzi fil-kaz ta' Abekunle et, fejn sahansitra kien hemm falsifikazzjoni, huma differenti. Ghalhekk fic-cirkostanzi kollha hawn fuq imsemmija, din il-Qorti ma tara l-ebd araguni biex tvarja d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------